MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta ta' 30 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1401/2002/1

***James Camilleri & Son Limited***

***vs***

***Guido Agius Furniture Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u sitta u tmenin liri Maltin (Lm1286) rappresentanti bilanc ta'

prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilha. Bl-imghax legali mid-data tal-konsenja.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittri bonarji datati 14 ta' Marzu 2001, 4 ta' Lulju 2001, 8 ta' Lulju 2001, 7 ta' Novembru 2001, 13 ta' Marzu 2002 u 15 ta' April 2002, kif

ukoll l-ittra ufficjali datata 5 ta' Frar 2002 kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr Hubert Dalli ghan-nom tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mitejn u sitta u tmenin liri Maltin (Lm1286) kif ukoll l-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji tal-14 ta' Marzu 2001, 4 ta' Lulju 2001, 8 ta' Lulju 2001, 7 ta' Novembru 2001, 13 ta' Marzu

2002 u 15 ta' April 2002 kif ukoll ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar 2002 ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**